VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,481, 2 ta' Ottubru, 2015
Taqsima B

A.L. 314 tal-2015

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

STATUT GĦAĊ-ĊENTRU TAL-MEDIĊINA ĊINIŻA TRADIZZJONALI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga l-istatut li ġej magħmul mill-Kunsill tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 72(h), 75(2) u 77(c) ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dan l-istatut jista' jissejjaħ l-Istatut għaċ-Ċentru tal-Mediċina Ċiniża Tradizzjonali.

L-Applikabiltà

2. Dan l-istatut ikun applikabbli mit-13 ta' Lulju 2015 'il quddiem.

Interpretazzjoni

3. F'dan l-Istatut, kemm-il darba r-rabta ta' kliem ma teħtieġx xorta oħra:

"il-Bord" ifisser il-Bord taċ-Ċentru tal-Mediċina Ċiniża Tradizzjonali;

"iċ-Ċentru" jfisser iċ-Ċentru tal-Mediċina Ċiniża Tradizzjonali; u

"il-Klinika" tfisser il-Klinika tal- Mediċina Ċiniża Tradizzjonali.

It-Twaqqif

4. B'dan qiegħed jitwaqqaf iċ-Ċentru tal-Mediċina Ċiniża Tradizzjonali bħala istituzzjoni fl-Università ta' Malta.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Għanijiet u l-funzjonijiet taċ-Ċentru

5. L-għanijiet taċ-Ċentru huma dawn:

(a) li jistimula u jappoġġa t-tkabbir u l-iżvilupp tal-Mediċina Ċiniża Tradizzjonali f'Malta fuq livelli prattiċi, edukattivi, u ta' riċerka;

(b) li jagħti edukazzjoni u taħriġ ta' klassi għolja f'livell *postgraduate* fil-Mediċina Ċiniża Tradizzjonali, permezz, fost oħrajn, ta' approwċ prattiku *hands-on*;

(c) li jipparteċipa f'kollaborazzjonijiet u riċerka lokali u internazzjonali, iffinanzjati u mod ieħor, ma' istituzzjonijiet ewlenin fil-qasam; u

(d) li jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-Mediċina Ċiniża Tradizzjonali kemm lokali u kemm internazzjonali permezz ta' parteċipazzjoni f'avvenimenti networking, organizzazzjoni ta' konferenzi, jippresiedi u jirrevedi kumitati ta' dawn il-konferenzi, *journals* u kotba.

Il-Governanza

6. Iċ-Ċentru jitmexxa minn Bord li jkun magħmul kif ġej:

(i) *Chairman*: Ir-Rettur tal-Università jew id-delegat tiegħu;
(ii) Viċi *Chairman*: Id-Direttur taċ-Ċentru;
(iii) persuna maħtura mill-Kunsill tal-Università ta' Malta;
(iv) żewġ persuni maħtura mis-Senat tal-Università ta' Malta;
(v) żewġ persuni nnominati minn *Shanghai Univeristy of Traditional Chinese Medicine*;
(vi) rappreżentant elett mill-istudenti irreġistrat f'kors offrut miċ-Ċentru;
(vii) sa żewġ skulari ta' fama rrikkomandati minn *Shanghai Univeristy of Traditional Chinese Medicine.*

Ir-Reġistrar jew id-delegat tiegħu jservi bħala s-Segretarju tal-Bord.

7. Il-membri kollha tal-Bord, għajr dawk li huma maħtura *ex officio*, u r-rappreżentant tal-istudenti jinħatru għal perjodu ta' sena, li jista' jiġi mġedded sa erba' snin. Membru li jirtira hu eliġibbli li jerġa' jinħatar.

VERŻJONI ELETTRONIKA

8. Il-funzjonijiet tal-Bord ikunu dawn li ġejjin:

(a) li jmexxi l-affarijiet taċ-Ċentru, skont il-provvedimenti ta' dawn l-istatuti u ta' dawk ir-regolamenti, il-*policies* jew id-direzzjonijiet, kif approvati mill-Kunsill u mis-Senat minn żmien għal żmien;

(b) li jifformula l-*policy* taċ-Ċentru, jissorvelja l-attivitajiet u l-amministrazzjoni tiegħu u, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità li ssemmiet qabel, il-Bord jista':

(i) japprova *business plans* u l-estimi annwali tad-dħul u l-ħruġ taċ-Ċentru għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill;

(ii) bi qbil bil-miktub mar-Rettur jagħmel ftehim ma' terzi partijiet biex jagħtu fondi liċ-Ċentru jew għall-attivitajiet partikulari;

(iii) jippubblika rapport annwali;

(iv) jirreġistra liċ-Ċentru f'assoċjazzjonijiet jew f'istituzzjonijiet li għandhom l-istess għanijiet u interessi;

(v) jipproponi Regolamenti u Ordinamenti lis-Senat;

(vi) jeżiġi mill-membri tal-istaff taċ-Ċentru il-produzzjoni ta' rapporti fuq materji akkademiċi, li jinkludu l-kurrikuli ta' korsijiet ta' studju, il-kwalifiki għad-dħul f'korsijiet, eżamijiet u ċertifikati ta' attendenza jew kwalifika;

(vii) jirrakkomanda lill-Kunsill il-ħolqien jew it-tneħħija ta' postijiet akkademiċi u mhux akkademiċi fiċ-Ċentru;

(viii) jipproponi għall-approvazzjoni tas-Senat, il-Bordijiet tal-Eżaminaturi għall-korsijiet li jwasslu għal rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad;

(c) li jgħasses l-istrateġija u l-*policy* taċ-Ċentru, jissorvelja l-attivitajiet u l-amministrazzjoni tiegħu u, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità li ssemmiet qabel, il-Bord jista':

(i) japprova *business plans* u l-estimi annwali tad-dħul u l-ħruġ, jistabbilixxi miri li għandhom jintlaħqu minn din ir-riżorsa; u

(ii) janalizza kontijiet perjodiċi tat-tmexxija.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Il-Ħatra tad-Direttur u l-Istaff

9. Iċ-Ċentru jkollu Direttur u l-Istaff kif ġej:

(a) id-Direttur taċ-Ċentru jinħatar skont il-proċedura għall-ħatra tad-Diretturi tal-Istituti u Ċentri kif approvata mill-Kunsill tal-Università, għal perjodu ta' sena, bil-possibilità li l-ħatra tiġġedded kull sena skont kriterji stabiliti ta' ħiliet, il-ħtiġijiet taċ-Ċentru u tal-Università, għal perjodu totali li ma jeċċedix l-erba' (4) snin; u

(b) l-istaff taċ-Ċentru jinħatar mill-Università skont in-normi stabbiliti.

Id-Dmirijiet tad-Direttur

10. Id-dmirijiet tal-Viċi *Chairman*/Direttur taċ-Ċentru jinkludu:

(a) jkollu responsabbiltà ġenerali għat-tmexxija taċ-Ċentru f'termini tal-għanijiet elenkati fl-artikoli 4(a) sa (d) kif imsemmija hawn fuq;

(b) li jiġbor u jissottometti lir-Reġistrar tal-Università sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Diċembru ta' kull sena akkademika, prospektus komprensiv aġġornat bid-deskrizzjoni tal-kontenut tat-taqsimiet tal-istudji kurrenti u dawk proġettati offruti mill-membri taċ-Ċentru skont il-linji-gwida stabbiliti mill-Kumitat għall-Validazzjoni tal-Programmi;

(ċ) li jippromovi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-programmi kurrikulari u ta' riċerka taċ-Ċentru;

(d) li jiżgura li t-taqsimiet tal-studji offruti miċ-Ċentru huma mogħtija skont il-programm tal-istudji kif irreklamat; id-Direttur għandu jiżgura li l-istaff tal-lekċerers, li jaqgħu taħt l-awtorità tiegħu, jagħtu l-lekċers, is-seminars u t-*tutorials* kollha kif assenjat lilhom rispettivament, fil-ħin u fil-post kif indikat fuq it-*time-table* uffiċjali, u li kull tibdil ikun reġistrat formalment u li l-istudenti jkunu infurmati fil-ħin;

(e) li jwassal u jimplimenta l-pjan strateġiku taċ-Ċentru u l-Klinika taħt it-tmexxija tal-Bord;

(f) jippromovi l-bżonnijiet akkademiċi u personali tal-istudenti, sabiex l-istudenti jingħataw l-aqwa sapport f'każ li jiltaqgħu ma' diffikultajiet matul l-istudji tagħhom relatati mal-attivitajiet taċ-Ċentru;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(g) li jimmonitorja t-tmexxija tal-eżamijiet taċ-Ċentru u jiżgura li r-riżultati kollha tal-assesjar u tal-eżamijiet jiġu sottomessi fl-Uffiċċju tar-Reġistrar mhux aktar tard mill-aħħar ta' Marzu, Lulju u Settembru, iżda r-riżultati għandhom jiġu sottomessi liċ-*Chairman* rispettiv sa mhux aktar tard minn dawn id-dati li ġejjin:

- is-sessjoni ta' Jannar – sal-aħħar tat-tielet ġimgħa ta' Marzu;
- is-sessjoni ta' Mejju/Ġunju – ir-riżultati tal-Aħħar Sena mhux aktar tard minn jumejn qabel jitlaqqa' l-Bord għall-Klassifikazzjoni li jsir fl-aħħar sena iżda, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard mill-aħħar tat-tielet ġimgħa ta' Lulju; riżultati oħra għandhom jaslu kemm jista' jkun malajr iżda mhux aktar tard mill-aħħar tat-tielet ġimgħa ta' Lulju;
- is-sessjoni ta' Settembru – sal-aħħar tat-tielet ġimgħa ta' Settembru.

(h) jamministra ċ-Ċentru b'konsultazzjoni sħiħa mal-membri tiegħu; jimmonitorja u japprova talbiet għal *leave of absence* mill-membri taċ-Ċentru. Id-Direttur hu mistenni li jżomm reġistru tal-*leave* kollu tal-membri u jgħaddi, meta mitlub, din l-informazzjoni lid-Direttur għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani

(i) li jinkoraġġixxi u jiffaċilita l-kooperazzjoni ma' universitajiet u istituzzjonijiet oħra;

(j) li imexxi laqgħat tal-Bord taċ-Ċentru fl-assenza taċ-*Chairman* u bil-permess tiegħu;

(k) li jiżgura u jiffaċilita l-iżvilupp u t-taħriġ tal-istaff;

(l) li jipparteċipa fi kwalunkwe laqgħa tal-Università li hi marbuta mal-kariga tiegħu;

(m) li jirrappreżenta ċ-Ċentru f'funzjonijiet uffiċjali tal-Università;

(n) jikkompila u jissottometti rapport annwali lis-Segretarju tal-Università sal-aħħar ta' Settembru ta' kull sena akkademika. F'dan ir-rapport għandu jingħata tagħrif dwar l-attivitajiet li saru fiċ-Ċentru fis-sena li tkun għaddiet u għandu jinkludi, fost l-oħrajn, informazzjoni li tista' tintalab mis-Segretarju bħal lista komprensiva ta' pubblikazzjonijiet riċenti tal-membri kollha taċ-Ċentru; ġabra fil-qosor tal-proġetti li fihom huma involuti membri taċ-Ċentru, li huma finanzjati kollha jew parzjalment minn barra; lista sħiħa tal-konferenzi/seminars/laqgħat li l-membri attendew barra minn Malta, fi żmien it-term; u tagħrif ġenerali dwar il-kollaborazzjoni taċ-Ċentru ma' terzi partijiet li jinkludi l-industrija lokali, il-Gvern jew is-soċjetà ċivili in ġenerali;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(o) jikkompila u jissottometti lid-Direttur tal-Finanzi tal-Università mhux aktar tard mill-aħħar ta' Mejju ta' kull sena akkademika, l-estimi għall-bażit finanzjarju kif approvat mill-Bord għas-sena li jmiss. Dan ikun jinkludi l-ħtiġijiet dwar riżorsi umani għaċ-Ċentru, li jkopri it-tagħlim, ir-riċerka u x-xogħol amministrattiv proġettat għaċ-Ċentru u bbażat fuq ix-xogħol proġettat ta' kull Akkademiku Residenti taċ-Ċentru u tal-*Visiting Teaching Staff*;

(p) jimmonitorja l-eżekuzzjoni tax-xogħol tal-istaff mhux akkademiku msieħeb maċ-Ċentru;

(q) jawtorizza l-ksib ta' tagħmir għaċ-Ċentru; jiżgura li r-riżorsi assenjati liċ-Ċentru – kemm jekk umani u kemm jekk oħrajn - jiġu utilizzati b'mod sħiħ u effiċjenti; u

(r) iwettaq dmirijiet oħra li jistgħu jiġu assenjati lilu mill-Università minn żmien għal żmien.

11. Minbarra dan, id-Direttur taċ-Ċentru:

(a) għandu jirrapporta direttament liċ-*Chairman* tal-Bord taċ-Ċentru u għandu jikkollabora mal-uffiċjali amministrattivi anzjani kollha tal-Università;

(b) għandu jkun Akkademiku Residenti impjegat mal-Università fuq bażi *full-time* matul iż-żmien li jokkupa l-ħatra ta' Direttur taċ-Ċentru;

(ċ) m'għandux jimpenja ruħu fi kwalunkwe attività barra mill-Università li tista' tkun f'konflitt ma', jew ittellfu, mid-dmirijiet tiegħu fl-Università;

(d) hu mistenni li jkun preżenti fuq il-kampus jew kwalunkwe sît indikat mill-Università ta' Malta għallinqas fil-ħinijiet normali tal-uffiċċju mit-Tnejn sal-Ġimgħa matul is-sena skont l-esiġenzi ta' akkademiku u b'konformità mal-prattiċi u l-ħtiġijiet tal-Università u bid-dritt għal-*leave* normali u għall-festi pubbliċi kif provdut fil-liġi; jekk l-assenza tiegħu tkun meħtieġa u ġġustifikata, hu għandu jiżgura li jkun jista' jsir kuntatt miegħu permezz tas-segretarjat taċ-Ċentru;

(e) m'għandu jgħaddi l-ebda informazzjoni lil terzi partijiet li mhumiex assoċjati mal-Università ta' Malta, dwar kwalunkwe xogħol jew *data* li jkollha x'taqsam ma' xogħlijiet li qegħdin isiru fl-Università ta' Malta mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tal-Università ta' Malta; kull xogħol li jkun qed isir fiċ-Ċentru għandu jsir fid-dawl tal-leġislazzjoni Maltija dwar il-ħarsien tad-*data*;

(f) għandu jintrabat bl-istatuti, bir-regolamenti, avviżi legali u bil-*policies* tal-Università ta' Malta, li huma fis-seħħ jew li jsiru effettivi fi żmien il-ħatra tiegħu.

It-Teżorier

12. Id-Direttur tal-Finanzi tal-Università jkun it-Teżorier taċ-Ċentru.